# Il-Kappella ta' Sant'Andrija fil-Mosta



Il-Kappella ta' Sant' Andrija minn barra, innota l-ħadid mal-ħajt li sar biex il-Kappella ma tiġġarrafx.

F'tarf Triq il-Kostituzzjoni, fi triq li twasslek lejn il-Fortizza tal-Mosta f'Tarġa Gap, niltaqgħu mal-Kappella li hija ddedikata lil Sant' Andrija

Qabel ma ġew żviluppati bħalma nafuhom illum, dawn l-inħawi kienu jissejħu ta' Ħal Dmiegħ. Qabel din il-Kappella kien hemm diġà oħra ddedikata lil dan il-Qaddis ftit 'il bogħod minn dan il-post, fejn illum hemm il-Kunvent tal-Ġiżwiti u d-Dar ta' l-Irtiri "Mount St. Joseph".

Il-Kappella ġiet mibnija fis-seklu sbatax u kienet tagħmel mal-Parroċċa tal-Mellieħa. Għal xi żmien din kienet tagħmel mal-Parroċċa tan-Naxxar. Dan għaliex nafu li kien hemm żmien meta minħabba nuqqas ta' abitanti, il-Parroċċa tal-Mellieħa ma kinitx baqgħet tiffunzjona. Aktar tard imbagħad il-Kappella bdiet tagħmel mal-Mosta meta din saret Parroċċa b'digriet maħruġ mill-Isqof Gargallo nhar is-16 ta' Lulju 1610.

Il-Kappella għandha għamla kwadra, bis-

saqaf tagħha nofs tond jistrieħ fuq l-arkati.

Fuq il-bieb ta' barra hemm tieqa tonda u kampnar żgħir. L-altar waħdieni tagħha huwa tal-ġebel u fuqu hemm prospettiva mnaqqxa fil-ġenel li fiha hemm il-kwadru Titulari ta' Sant' Andrija. Dan il-Kwadru huwa xogħol ta' l-artist Filippu Dingli u fih naraw lill-Sant' Andrija bil-wieqfa jżomm is-Salib b'idu l-leminija u bi ktieb f'idu l-oħra. Taħt dan il-kwadru hemm pittura ovali ta' l-Immakulata Kunċizzjoni li x'aktarx huwa xogħol ukoll ta' dan l-artist.



L-Altar armat għal festa ta' Sant' Andrija

Fil-bidu tas-seklu għoxrin il-Kappella kienet miżmuma fi stat tajjeb ħafna u l-Prokuratur tagħha Dun Angelo Dingli u ċertu Salvatore Agius ma kienu jħalluha nieqsa minn xejn. Fi zmienhom kien inxtara armonju, Via Sagra, gandlieri u oġġetti oħrajn li kienu jintramaw fil-festa tal-Qaddis li kienet issir fl-ewwel Ħadd wara t-30 ta' Novembru. Għal din il-festa nafu li kienu jinżlu żewġ Monsinjuri mill-Kapitlu ta' l-Imdina. Dawn kienu jqarru lill-bdiewa ta' l-inħawi, jagħmlu priedka dwar il-Qaddis u jmexxu l-Quddiesa tal-festa. Kien hemm l-użanza li filgħaxija kienu jqassmu lin-nies lewż u ġellewż imbierek li kien magħruf bħala "l-borġ ta' Sant' Andrija".

Fis-snin sittin Monsinjur Anton Buhagiar li kien jabita fl-inħawi viċin din il-Kappella, kien iqaddes kuljum fiha u kien ħa ħsieb ukoll biex il-Kappella tiġi rranġata u bena sagristija żgħira mal-ġenb tagħha.

Fil-bidu tas-snin sebgħin kienet ittieħdet deċiżjoni biex parti miz-zuntier tal-Kappella tinbiegħ biex tinbena, iżda sakemm ġie mibni l-bini l-ġdid kienet saret ħsara kbira lill-Kappella meta tħaffret l-art. Tant kienet kbira din il-ħsara li l-Kappella kellha tiġi mdawra b'ċintorin tal-ħadid biex ma tiġġarrafx.

Il-Kwadru Titulari ta' Sant' Andrija u dak ta' l-Immakulata ġew meħuda fiċ-Ċentru Sant' Andrija li hemm ftit 'il bogħod mill-Kappella, l-affarijiet l-oħra li kien hemm, ġew merfugħa fis-Sagristija u baqgħu hemm għal xi żmien. Fortunatament wara tant appelli u kitbiet fil-ġurnali, fosthom dawk tiegħi, dan l-aħħar ġie mibdi x-xogħol tar-restawr fuq din il-Kappella. Nisperaw li fi ftit taż-żmien ieħor naraw din il-Kappella miftuħa mill-ġdid u bl-armar tagħha f'postu.

**NAWGURAW L-FESTA T-TAJBA LIL KULĦADD**

**Mario Fenech**
*Tas-Sliema*
*20 ta' April 2002*